# IT-TIELET PARTI

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

**28 ta' Jannar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Il-Korporazzjoni TeleMalta

*versus*

Joseph Cassar

## Servizz ta' Telefon - Preskrizzjoni - Rinunzja

*Ġie diversi drabi deċiż mill-Qrati tagħna li l-perijodu preskrittiv għall-azzjoni għall-ħlas għal servizz ta' telefon huwa ta' ħames snin skond l-artikolu 2256 (f) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Il-konvenut ma ċaħadx li hu għandu jagħti lill-attur iżda qed jikkontesta l-ammont li hu dovut minnu, għalhekk l-aġir tiegħu mhux kompatibbli ma' dak ta' persuna li trid tagħti l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni.*

*Ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-aċċettazzjoni tal-konvenut li jittratta ma' l-attur dwar l-ilment tiegħu u saħansitra joffrilu ftehim jimplika rinunzja għall-preskrizzjoni (anke jekk ġà akkwistaha) billi hija inkompatibbli ma' l-intenzjoni li jippreservaha u jopponiha.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha s-soċjetà attriċi ppremettiet illi fuq talba tal-konvenut, kienet istallat is-servizz telefoniku bin-numru 231887, fil-fond 32, Triq San Pawl, il-Marsa u dana skond ma kif jirriżulta mill-annes dokument A u ċjoè kopja fotostatika awtentikata ta' ittra mibgħuta mill-istess konvenut lill-Korporazzjoni attriċi;

Premess illi l-konvenut kien obbliga ruħu li jħallas dawk it-tariffi li minn żmien għall-żmien jiġu stabbiliti mill-Korporazzjoni attriċi;

Premess illi l-konvenut huwa debitur tal-Korporazzjoni attriċi fl-ammont ta' Lm404.66 (erba' mija u erba' liri Maltin u sitta u sittin ċenteżmu) dovut għall-użu, kera tal-linja, għall-xogħol *extra* u għall-apparat li ma ġiex ritornat u dana skond ma kif jirriżulta mill-anness *statement* immarkat bħala dokument B;

Premess ukoll illi l-istess konvenut ġie interpellat iħallas is-somma msemmija iżda baqa' inadempjenti u għalhekk kellha ssir dina l-kawża;

Is-soċjetà attriċi talbet li din l-Onorabbli Qorti:

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Korporazzjoni attriċi s-somma ta' Lm404.66 (erba' mija u erba' liri Maltin u sitta u sittin ċenteżmi) dovuta għall-użu, kera tal-linja, xogħol *extra* u apparat mhux ritornat in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 231887; dan is-servizz kien ġie stallat mill-Korporazzjoni attriċi fil-fond fuq imsemmi fuq talba tal-konvenut;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-preżenti, ta' l-ittra uffiċjali ta' l-erbgħa u għoxrin (24) t'Ottubru, 1995, u tat-taxxa fuq il-valur miżjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imgħax legali kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata tas-soċjetà attriċi a fol. 3;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 fejn eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar skond l-artikolu 2148 (f);

Mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti qatt ma kellu jagħti l-ammont mitlub;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

*Omissis*;

Fl-ewwel eċċezzjoni tiegħu l-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni bl-għeluq ta' 18-il xahar skond l-artikolu 2148 (f) tal-Kodiċi Ċivili għall-ħlas ta' kera fuq ħwejjeġ mobbli;

*Illi ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-perijodu* preskrittiv għall-azzjoni bħal dik attriċi huwa ta' ħames snin

skond l-artikolu 2256 (f) għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali;

*Il-konvenut issottometta li l-preskrizzjoni ta' ħames snin* jekk tapplika, se mai, tapplika biss fil-każ ta' servizzi iżda mhux fil-każ ta' apparat telefoniku;

Il-Qorti, Prim'Awla, fis-sentenza ***Postmaster General et vs* Michael James Falla, deċiża fit-13 ta' Mejju, *1980*,** kienet *iddeċidiet li l-preskrizzjoni ta' 18-il xahar ma tapplikax fil-każ* ta' talba għall-ħlas għas-servizz ta' telefon. Il-kreditu mhux dovut għall-kiri ta' ħwejjeġ mobbli iżda għal servizz ta' telefon permezz ta' stallazzjoni ta' tagħmir jew apparat ipprovdut mill-attur. Huwa veru li s-*subscriber* iħallas *charge* għal kull telefonata li jagħmel u kera ta' l-istallazzjoni jew apparat iżda dana ma jbiddilx in-natura tan-negozju li huwa wieħed ta' servizz u huwa biss mod kif jiġi regolat il-kumpens dovut għal dan is-servizz;

**(Ara ukoll sentenzi Qrati Inferjuri - Magistrat Geoffrey Valenzia 28 ta' April, 1992 - John Scicluna *noe vs* Joseph Borg u J. Scicluna *noe vs* R. Spiteri, Prim' Awla Qorti Ċivili - Onn. J. Said Pullicino 5/11/92)**;

Illi għalhekk il-preskrizzjoni ta' ħames snin fil-każ in *eżami għadu m'għaddiex billi t-talba hija għal perijodu minn* Diċembru, 1991, u l-kawża ġiet ippreżentata f'Marzu 1996;

Il-Qorti però tirrileva li l-konvenut ma ċaħadx li hu għandu jagħti lill-attur iżda qed jikkontesta l-ammont li hu dovut minnu, għalhekk l-aġir tiegħu mhux kompatibbli ma' dak ta' persuna li trid tagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Kif ġie deċiż diversi drabi mill-Qrati tagħna li l-

aċċettazzjoni tal-konvenut li jittratta ma' l-attur dwar l-ilment tiegħu u saħansitra joffrilu ftehim jimplika rinunzja għall-preskrizzjoni (anke jekk ġà akkwiżita) in kwantu hija inkompatibbli ma' l-intenzjoni li jippreservaha u jopponiha;

**(Artikolu 2109 Kodiċi Ċivili u sentenzi: Camilleri *vs* Borg, 21.3.58; Borg *vs* Nobbli M. Testaferrata Bonici; M.C. Demarco *vs* G. Zammit, 11.6.43 u l-awtur Troplong "Della Prescrizione");**

Skond l-awtur Troplong "*Vi ha rinunzia tacita alla prescrizione quando il debitore, senza negare di essere tale, si limita a discutere ed impugnare l'ammontare dovuto, e l'espressione usata dimostra che egli ammetteva di essere debitore verso l'attore ma non riconosceva essere esatta la somma*";

**(Troplong - Prescrizione No. 67, Aubrey *et* Rau VIII para. 776);**

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċidi billi, prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm404.66;

Bl-imgħax kif mitluba u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

---